Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Appell numru: 298/2007AE

**Paul u Emanuela konjugi Sciberras**

**Vs**

**Carmelo Mizzi u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2008 gie kjamat fil-kawza Noel Farrugia**

Il-Gimgha, 8 ta' April 2016.

**Kwistjoni**.

L-atturi harrku lill-konvenut Mizzi dwar xoghol li ghamel fuq il-bejt tal-fond 9, Casa San Giuseppe, Triq il-Milwa, Ghaxaq li l-atturi qalu li hu proprjeta taghhom. L-atturi jsostnu li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. Ghalhekk talbu li l-konvenut jigi kkundannat jirrimedja ghax-xoghol u fin-nuqqas jaghmlu x-xogholijiet huma ghas-spejjez tal-konvenut.

Il-konvenut Mizzi ddefenda ruhu u fost'eccezzjonijiet ohra ecepixxa li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-imsejjah fil-kawza baqa' kontumaci.

B'sentenza tal-15 ta' Frar 2012, l-ewwel qorti laqghet l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-ewwel qorti kkonkludiet li x-xoghol sar f'Awissu 2005 filwaqt li l-atturi pprezentaw il-kawza f'Settembru 2007, cjoe' wara l-perjodu ta' sentejn. Ziedet li mill-provi ma rrizultax li l-preskrizzjoni giet interrotta permezz ta' att gudizzjarju; *"Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-attur kien baghat xi ittra ufficjali jew att gudizzjarju entro dan il-perjodu ta' sentejn u lanqas ma jidher li kien hemm xi rikonoxximent li jista' jservi bhala interruzzjoni tal-preskrizzjoni. L-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jghid li kien ipprezenta ittra ufficjali datata 1 ta' Settembru 2006 pero' minn ezami tar-rikors promotur jidher li l-ittra kienet wahda interprellatorja u mhux ufficcjali u minn ezami li ghamlet il-Qorti fir-Registru taghha ma jirrizultalhiex li effettivament kienet giet prezentata ittra ufficjali mill-attur fil-konfront tal-konvenut odjern. Jinghad ukoll li dwar din l-allegata ittra hadd mill-partijiet ma jaghmel riferenza ghaliha fil-provi prodotti minnu"*.

**Aggravji**.

L-atturi appellaw mis-sentenza. L-aggravji huma:

1. Il-qorti ma kinitx korretta meta fis-sentenza qalet li ma gietx prezentata ittra ufficjali. Fil-fatt fl-1 ta' Dicembru 2006 l-atturi kienu pprezentaw ittra ufficjali li giet notifikata lill-konvenut, kopja ta' liema giet annessa mar-rikors tal-appell.
2. L-imsejjah fil-kawza qatt ma ta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk fil-konfront tieghu l-qorti ma setatx tiddeciedi li l-azzjoni hi preskritta.

**Tweġiba.**

L-appellat Mizzi wieġeb:-

1. M'huwiex accettabbli li l-appellanti jipprezentaw dokument mingħajr awtorizazzjoni tal-qorti.
2. L-appellanti jopponu li f'dan l-istadju jiġu ammessi provi ġodda.
3. Mhux minnu li l-ewwel qorti ssollevat ex officio l-preskrizzjoni fil-konfront tal-appellat Farrugia.

**Digriet**.

B'digriet mogħti fit-23 ta' Marzu 2016, ammettiet l-ittra uffiċjali tal-1 ta Diċembru 2006 bħala prova u tat lill-appellat Mizzi l-opportunita' li jressaq provi in konnessjoni man-notifika tal-istess ġialadarba fir-riferta kien jingħad li ġie notifikat biha filwaqt li hu jsostni li qatt ma rċeviha.

**Konsiderazzjoni**.

1. Hu rilevanti li:-

   i. Ix-xogħol sar f'Awissu 2005. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-affidavit tal-appellant (fol. 24). Hu minnu li l-appellat xehed: *"Illi x-xogħol 'l fuq indikat kien sar f'Settembru tas-sena 2004"* (fol. 41). Pero' mbagħad in kontro-ezami qal: *"Mistoqsi jekk setax sar f'Awissu 2005 ngħid li jista' jkun. Id-dati jien ma nżommx amment tagħhom"* (fol. 63). Dan l-istat ta' inċertezza min-naħa tal-appellat twassal lill-qorti biex tqies iktar kredibbli l-verżjoni tal-attur.
   ii. Fl-1 ta' Diċembru 2006 l-appellanti ppreżentaw ittra uffiċjali li biha sejħu lill-appellat Mizzi sabiex: *"…. fi żmien ġimgħa tirrimedja għax-xogħolijiet li saru minnek mhux kif titlob is-sengħa u l-arti, u dana fl-għoti tal-kontro-bejt tal-fond proprjet atal-mittenti Casa San Giuseppe, Triq il-Milwa, Għaxaq, u dana kif iċċertifika l-perit Arkitett Mario Cassar li kopja tar-rapport tiegħu diġa' ntbagħat lilek, u kif obbligajt ruħek ukoll li ser tagħmel iżda bqajt inadempjenti. Il-mittenti jinterpellawk ukoll illi sar xogħol ħażin minnek fl-expansion joints fuq l-istess bejt li minnhom qed jipperkola l-ilma tax-xita u qed jikkawża danni. Fin-nuqqas il-mittenti javżawk li jipproċedui kontrik skond il-liġi. Bl-ispejjeż u b'riżerva ta' azzjoni tad-danni kontrik"*.
   iii. Wara l-provvediment li ngħata fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2016, fis-seduta tal-lum mart il-konvenut (Josephine Mizzi) ikkonfermat li l-firma li tidher fuq l-avviż ta' notifika li l-Maltapost plc tat lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali dwar l-ittra uffiċjali tal-1 ta' Diċembru 2006, kienet tagħha. Dan ifisser li effettivament l-ittra uffiċjali tal-1 ta' Diċembru 2006 ġiet notifikata (ara Artikolu 187 tal-Kap. 12). Skond l-istess dokument l-ittra uffiċjali ġiet notifikata fis-6 ta' Diċembru 2006 (ara wkoll riferta tal-marixxal a fol. 5).

iv. Fis-27 ta’ Settembru 2007 l-atturi pprezentaw il-kawza.

2. Meqjusa dawn ‘il fatti hu evidenti li l-ittra ufficjali tal-1 ta’ Dicembru 2006 giet prezentata u notifikata qabel ghaddew is-sentejn kontemplati fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan wassal ghal interruzzjoni tal-preskrizzjoni li regghet bdiet tiddekorri mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali. Ladarba l-kawza giet prezentata fis-27 ta’ Settembru 2007, cjoe’ qabel ghaddew sentejn minn meta sehhet l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, it-tieni eccezzjoni hi nfondata.

3. Bhala punt ta’ interess il-qorti tinnota wkoll kif il-kawza titratta dwar xoghol li ghamel l-appellat fuq inkarigu tal-appellanti, u li l-appellanti qeghdin isostnu li ma sarx skond is-sengha u l-arti. L-appellanti harrku lill-appellat ghad-danni. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni nghatat biss mill-appellat Mizzi billi l-appellat l-iehor baqa’ kontumaci. M’hemmx dubju li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn l-appellanti u l-appellat Mizzi, li zgur li m’huwiex ix-xenarju li qieghed jikkontempla l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Ghalhekk ghall-azzjoni li pproponew l-appellanti kienet tapplika preskrizzjoni differenti minn dik li nvoka l-appellat Mizzi. Madankollu l-appellanti ma pproponewx aggravju f’dan is-sens.

**Ghal dawn il-motivi tilqa’ l-appell u:-**

1. **Thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta’ Frar 2012.**
2. **Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Mizzi.**

**Spejjez tal-ewwel istanza a karigu tal-appellat Mizzi gialadarba ma kellux ragun fl-eccezzjoni li ta**. **Fir-rigward tal-appell, l-appellanti ghandhom jaghmlu tajjeb ghal nofs l-ispejjez taghhom ghaliex quddiem l-ewwel qorti naqsu milli jipprezentaw kopja tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Dicembru 2006, b’dan li l-kumplament tal-ispejjez huma a karigu tal-appellat Mizzi gialdarba l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet michuda**.

**Tordna li l-atti jintbaghatu lura quddiem l-ewwel qorti sabiex tisskota bis-smiegh tal-kawza**.

Anthony Ellul.